# BI PREPARAZZJONI BIEX TMUR IL-QORTI TA' MALTA

## *FIL-ĠRANET QABEL IS-SMIEGĦ TAL-KAWŻA*

**Iċċekkja:**
- i. Id-data u l-ħin tas-smiegħ tal-kawża li ġejt imsejjaħ għalija.
- ii. Quddiem liema Ġudikant għandek il-kawża.
- iii. Il-post fejn trid tmur.
- iv. Jekk għandek ordni ta' tabib li ma tistax tgħaddi mill-*metal detector* tal-Qorti ħu ċertifikat miegħek dwar hekk.

**Ipprepara b'mod organizzat:**
- i. Id-dokumenti li rċievejt mill-Qorti.
- ii. Id-dokumenti oħra relevanti mal-każ li ġejt imsejjaħ quddiem il-Qorti.
- iii. Il-kopji tad-dokumenti li l-avukat ikun qallek biex tipprepara.

**Ftakar**:
- i. Sabiex tkellem lill-avukat ħalli tfakkru bil-ġurnata u ħin tal-każ u tifthemu jekk hemmx bżonn li ssir xi ħaġa qabel il-ġurnata tas-smiegħ tal-kawża.
- ii. Li l-każ huwa tiegħek u għalhekk inti trid tieħu ħsieb sabiex tkun preżenti għall-kawża.
- iii. Li jekk ma tkunx tista' tattendi għall-kawża tinforma lill-avukat mill-anqas ġurnata qabel.
- iv. Li għandek tasal fil-bini tal-Qorti madwar kwarta qabel tibda l-kawża. Itlaq mid-dar f'ħin biżżejjed biex tasal fil-ħin.

## *FIL-ĠURNATA TAS-SMIEGĦ TAL-KAWŻA*

**Ħu miegħek:**
- i. Id-dokumenti kollha li tkun organizzajt wara xulxin.
- ii. Kopji tad-dokumenti li tkun ħa tippreżenta lill-Qorti.
- iii. Dokument t'identifikazzjoni (eż l-karta tal-identita' jew passaport)

***Tieħux* miegħek:**
- i. Affarijiet perikolużi fil-bini tal-Qorti (per eżempju: imwies, imqasijiet, skieken, flixken tal-fwieħa, flixken, u kwalunkwe tip t'oġġett li tista' tintuża bħala arma).
- ii. Tfal taħt is-tlettax-il (13) sena sakemm ma jkunx hemm ordni tal-Qorti.

**X'għandek tilbes:**
- i. Nisa: dublett diċenti jew qalziet u flokk diċenti bil-kmiem. Il-kuluri tal-ħwejjeġ iridu jkunu skuri.
- ii. Irġiel: qalziet, qmis, ingravata u ġlekk jew ġakketta ta' lewn skur; jew libsa ntiera.
- iii. Jekk m'għandekx libsa ntiera tista' tilbes ilbies diċenti u serju (ġakketta w ingravata meħtieġa).

## *KIF TASAL IL-QORTI*

**Kif tasal ħdejn il-bieb tal-Qorti:**
- i. Trid tgħaddi mill-passaġġ tas-sigurta'. Ikollok tneħħi l-affarijiet mill-bwiet u tgħaddi mill-*metal detector*. Jekk għandek baskett jew *handbag* ikollok tgħaddih mill-magna tas-sigurta' wkoll.

**Ġewwa l-bini tal-Qorti:**
- i. Għandek issib il-*monitor* sabiex tara fl-liema awla l-Ġudikant li qed jisma' l-kawża tiegħek jinsab. F'każ li ssib diffikulta tista' ssaqsi l-*Customer Care* u jiggwidawk.
- ii. Meta tasal ħdejn l-awla fejn qed tinstema' l-kawża tiegħek għandek tistenna sakemm il-Marixall (fil-kawżi ċivili) jew il-Pulizija (fil-kawżi kriminali) jsejjaħlek. Tista' wkoll issaqsi lill-uffiċjal li qed issejjaħ il-kawżi sabiex tara jekk il-kawża saritx diġa.

**Fl-awla tal-Qorti**
- i. Kif tidħol fl-Awla fuq it-tribuna għandek tara lill-ġudikant li qed jisma' l-kawżi. X'ħin il-ġudikant issejjaħ ismek, qum bil-wieqfa w agħmel sinjal l' inti preżenti.
- *ii.* Għandek tindirizza lill-Imħallef bil-kliem: 'Onorevoli Imħallef', lill-Maġistrat bil-kliem: 'Sur (jew Sinjura) Maġistrat' u lill-*Chairperson* ta' Bord jew Arbitraġġ bil-kliem: 'Sur *Chairman*' jew 'Sinjura *Chairman*'.
- iii. Irrispondi biss għall-mistoqsijiet tal-ġudikant b'vuċi li tinftiehem u mingħajr għajjat.
- iv. M'għandek qatt titkellem jekk mhux b'ordni tal-Qorti.
- v. X'ħin tispiċċa l-kawża tiegħek għid: "Grazzi" b'kortesija lill-Ġudikant.

Għal aktar informazzjoni tista' taċċessa s-sit eletroniku tal-Ġudikatura: http://www.judiciarymalta.gov.mt/faqs